MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-15 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 143/2007

John u Carmela konjugi Muscat

-Vs-

Emanuel Portelli

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-28 ta' Dicembru 2007 minn John u Carmela konjugi Muscat fejn ippremettew u talbu li:

L-atturi huma l-attwali possessuri u detenturi ta' porzjon raba' li qieghda f'Ta Wied l-Ahmar, fil-kuntrada ta' Wied il-Rahhan, limiti tan-Nadur, Ghawdex tal-kejl ta' circa elf mija u sitta ghoxrin metri kwadri (1,126m2) jew kejl verjuri u konfinanti mill-lvant u nofsinhar ma' beni ta' Anthony Muscat u tramuntana ma' beni ta' Salvu Sultana jew irjihat iktar korretti;

Probabilment l-Gimgha 9 ta' Novembru 2007 l-istess konvenut bil-hsieb li jezercita xi dritt li jippretendi li ghandu qabad u ghadda pipe tal-ilma ta' madwar tlieta u sittin millimetru (63mm) minn dan ir-raba', liema pipe ghadu hemm sal-lum, ghalkemm il-konvenut gie interpellat kemm-il darba sabiex inehhih;

Dan kollu jikkostitwixxu spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tal-istess atturi li ghandhom jigu reintegrati fil-pussess tal-istess raba' billi jigi spurgat l-ispoll kommess;

Ghalhekk l-atturi talbu sabiex il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-agir tal-konvenut jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin;

2. Tikkundana lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi minn din il-Qorti prefiss jisporga l-ispoll minnu kommess u jerga' jnehhi l-pipe tal-ilma li huwa tefa' fl-istess raba';

3. Tawtorizza lill-atturi sabiex fin-nuqqas da parti tal-konvenut li jispurga l-istess spoll, huma jnehhu l-istess pipe ghas-spejjez tal-istess konvenut u taht id-direzzjoni ta' perit li jigi nominat ghal istess fini, jekk ikun il-bzonn.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tat-tnejn (2) ta' Novembru 2007 u dik ufficjali tat-tnax (12) ta' Novembru 2007.

Rat ir-risposta guramentata prezentata minn Emanuel Portelli fis-17 ta' Jannar 2008 (fol. 13) fejn eccepixxa:-

1. Illi fl-ewwel lok, f'dan il-kaz ma jissussistux it-tlett elementi kontemplati mill-Ligi sabiex tirnexxi kawza ta' l-ispoll.

2. Illi ghalhekk din il-kawza ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-atturi.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Rat l-atti nkluz il-verbal tas-seduta tal-4 ta' April 2008 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. Dan il-kaz jittratta tqeghid ta' pipe ta' l-ilma f'raba' li l-atturi qeghdin jiddetjenu. F'kawza ta' spoll jehtieg li jigu pruvati tlett elementi:-

(a) Il-pussess jew detenzjoni;
(b) Li l-kawza saret fi zmien xahrejn minn meta sehh l-ispoll;
(c) L-ispoll.

Azzjoni li hi ntiza sabiex tirripristina l-istat ta' fatt li kien jezisti qabel sehh l-att spoljattiv. Hu maghruf ukoll li f'din it-tip ta' kawza l-Qorti m'ghandix tittratta kwistjoniijet li huma ta' natura petitorju u jridu jigu kunsidrati biss eccezzjonijiet ta' natura dilatorji. Inoltre, il-Qorti ghandha tezamina l-fatt tal-pussess jew detenzjoni u l-fatt ta' l-ispoll.

2. Mill-provi rrizulta bl-iktar mod car li l-pipe li minnu qeghdin jilmentaw l-atturi tpogga mill-konvenut li min-naha tieghu kkonferma li[1]:-

(a) *"Jiena ma tlabtx permess li* (recte, lil) *John Muscat sabiex nghaddi l-pipe fejn fil-fatt jidher fir-ritratt a fol. hamsa (5)"* (fol. 26).

(b) *"Jiena naf bhala fatt illi fejn il-pipe ta' l-art, fejn hemm il-kanal illi jidher, anzi l-kanal illi jidher a fol. hamsa (5) tal-process u fejn jiena qeghedt il-pipe iswed, jinhadem minn Muscat"* (fol. 27).

[1] Seduta tas-7 ta' Frar 2008.

Il-pulizija PC111 Mark Anthony Camilleri li rcieva r-rapport li ghamlu l-atturi dwar it-tqeghid ta’ pipe, qal li meta tkellem mal-konvenut dan ikkonferma li kien ghaddej l-pipe minn hemm *“…peress illi mill-post ta’ qabel minn fejn kien ghaddej il-pipe, kien daqsxejn skabruz ghalih biex imur jiccekja l-pipe u dan peress illi hemm il-blat”* (fol. 22).

Il-pipe in kwistjoni jidher qieghed jigi muri mill-attrici fir-ritratt ezebit waqt is-seduta tal-4 ta’ April 2008 (Dok. VG1). Waqt it-trattazzjoni d-difensur tal-konvenut qalet li l-ilment tal-atturi kien dwar pipe ghaddej mill-kanal (li jidher ukoll fir-ritratt Dok. VG1). Ir-rikors guramentat prezentat mill-atturi ma jaghmilx distinzjoni bejn il-il-kanal u l-kumplament tal-ghalqa li l-konvenut stess ikkonferma li tinhadem mill-atturi. L-oggezzjoni ta’ l-atturi hi ghat-tqeghid tal-pipe fl-ghalqa li qeghdin jahdmu. Inoltre, l-fatt li l-konvenut seta’ kien qieghed ighaddi mill-ghalqa tal-atturi (minkejja l-oggezzjoni tal-atturi – ara ittra datata 2 ta’ Novembru 2007 a fol. 34) m’ghandha l-ebda rilevanza ghall-ezitu ta’ din il-kawza. Fl-affidavit li ghamel, il-konvenut xehed li l-pipe poggieh fil-kanal. Il-Qorti m’ghandha l-ebda dubju li l-kanal ghaddej mill-ghalqa li qeghdin jahdmu l-atturi. Tqieghed fejn tqieghed, cjoe’ fil-kanal jew barra l-kanal, qabel il-konvenut iddecieda jiehu l-ligi b’idejh ma kienx hemm xi pipe tal-konvenut ghaddej minn hemmhekk. Kull ma kien hemm fil-kanal kien pipe li jinqdew bih l-atturi (ara xhieda ta’ l-attur – seduta tas-7 ta’ Frar 2008 a fol. 30 u 31). Il-konvenut stess ikkonferma li kien ilu ghaxar (10) snin ma jaghmel uzu mill-kanal; *“kif kont qieghed nghid jiena llum il-gurnata ma ghadnix naghmel uzu mill-kanal illi jidher fir-ritratt a fol. hamsa (5) u dan peress illi dan jinvolvi hafna xoghol ta’ tindif illi jrid isir normalment ghall-habta ta’ Marzu u jiena ma niflahx ghal dan ix-xoghol…..Nikkalkula li ilni ghaxar (10) snin illi nuza l-kanali.”* (fol. 26).

3. Dwar jekk l-atturi ntavolawx il-kawza fi zmien xahrejn minn meta sehh l-ispoll, il-Qorti temmen il-verzjoni moghtija mill-atturi. Il-kawza giet prezentata fit-28 ta’ Dicembru 2007. Il-Qorti kellha l-opportunita’ li tisma’ *viva voce* x-xhieda ta’ l-attur u dik tal-konvenut u hi tal-fehma li

f'dan ir-rigward il-verzjoni tal-attur hi iktar konvincenti. L-attur spjega li *"Jiena sibt il-pipe in kwistjoni dakinhar illi ghamilt ir-rapport tal-Pulizija. Jiena kont ilni ma nersaq lejn l-art tieghi ghal xi jumejn u l-pipe l-iswed li jidher a fol. hamsa (5) ma kienx hemm meta mort jumejn qabel"* (fol. 30). Dan apparti l-fatt li l-Qorti tqies li huma wkoll rilevanti dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(a) L-attur baghat ittra legali datata 2 ta' Novembru 2007 (fol. 34) li biha nterpella lill-konvenut sabiex ma jidholx fl-ghalqa tieghu. Imkien ma jissemma l-pipe ta' l-ilma. L-oggezzoni, f'dak l-istadju, kienet li l-atturi ma riedux li l-konvenut ighaddi mir-raba' taghhom. Il-Qorti hi tal-fehma li kif l-atturi kienu qeghdin joggezzjonaw ghal fatt li l-konvenut kien qieghed ighaddi mill-ghalqa taghhom, l-istess kienu jaghmlu kieku sa dak iz-zmien kien diga' tqieghed il-pipe ta' l-ilma. Tant hu hekk li fit-12 ta' Novembru 2007 l-atturi pprezentaw ittra ufficjali u nterpellaw lill-konvenut sabiex inehhi l-pipe li kien pogga fir-raba' taghhom wara li kien ircieva l-ittra tat-2 ta' Novembru 2007. Hu evidenti li l-atturi kienu qeghdin b'sebgha ghajnejn ghal dak kollu li qieghed jaghmel il-konvenut u wiehed jifhem li kieku l-pipe kien diga' tpogga kienu ser jilmentaw ukoll dwaru. Dan certament fuq bazi ta' probabilitajiet.

(b) In subizzjoni l-konvenut xehed: *"Nahseb illi kien ghall-habta ta' Settembru illi jiena qeghedt il-pipe. Nikkonferma wkoll illi meta kellmuni l-Pulizija kien ilu ftit illi jiena kont qeghedt il-pipe. Qed nigi mistoqsi jistax ikun li l-pipe ghamiltu f'Novembru, inwiegeb illi kien qabel. Wara l-ewwel xita jiena kont ghamilt dan il-pipe biex inkun nista' nsaqqi.* ***Ezatt ix-xahar, anzi ezatt iz-zmien li ghamiltu jiena ma niftakarx. Nikkonferma li jiena rcevejt ittra minghand l-Avukat Anton Refalo, pero' jiena ma nafx naqra. Ma hiniex f'pozizzjoni nghid jekk l-ittra rcevejthiex qabel jew wara li qeghedt il-pipe"*** (fol. 27). Dan l-istat ta' ncertezza ma tistax twassal lill-Qorti biex temmen li l-verzjoni tal-konvenut hi iktar verosimili minn dik tal-konvenut. Inoltre, meta xehed bl-affidavit (fol. 38-fol. 41) m'ghamel l-ebda riferenza ghal dan il-fatt. Il-Qorti tosserva wkoll li kuntrarjament ghal dak li ssottomettiet id-

difensur tal-konvenut waqt it-trattazzjoni, ma jistax jinghad li x-xhieda li ressaq il-konvenut tikkorabora l-verzjoni li l-pipe tqieghed f'Settembru 2007.

4. Ghal dak li hu l-element ta' l-ispoll, m'hemm l-ebda dubju li dan gie sodisfatt ukoll tant li l-konvenut stess stqarr li ma talabx il-permess ta' l-attur sabiex pogga l-pipe ta' l-ilma fl-ghalqa li qeghda fid-detenzjoni ta' l-atturi. Agir li sar minn wara dahar l-atturi u certament kontra l-volonta' taghhom. Ghalkemm il-konvenut jippretendi li ghandu dritt li jaghmel uzu mill-kanal ta' l-ilma, m'ghandux jintesa li *"l-artikolu tal-ligi li jikkontempla din l-azzjoni huwa ndubbjament ta' ordni publiku, u huwa inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' private jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li,* ***<u>ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih</u>****, ma jkunx jista' jezercitah minghajr l-intervent tal-Qrati"* (**Margherita Fenech vs Pawla Zammit** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' April 1958[2]).

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghdha taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet tal-atturi kif dedotti u qeghda tiffissa terminu ta' tletin (30) gurnata sabiex il-konvenut inehhi l-pipe li ghamel fl-ghalqa li jiddetjenu l-atturi u fin-nuqqas qeghda tawtorizza lill-atturi sabiex inehhu l-istess pipe a spejjez tal-konvenut taht is-supervizjoni u direzzjoni tal-perit Guido Vella.

Spejjez kollha huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------

[2] Vol. XLII.ii.973.